Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Numru. 542/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs.**

**Josette Manuela Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Josette Manuela Vassallo**, ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bint Emanuel Vassallo u Josephine Vassallo neé Galea, imwielda Pieta' nhar il-25 ta' April, 1990 u residenti 'Emanuel', Il-Hbula, limiti ta' Had-Dingli, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0219890(M),

akkuzata talli nhar it-18 ta' Lulju, 2011 ghall-habta ta' 10:30hrs f'Had-Dingli, Dingli u f'inhawi ohra fil-Gzejjer

Maltin, waqt li kienet qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JMV 254 tal-ghamla Toyota Yaris:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkagunat griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Josephine Vassallo (I.D. 286456(M)) skont kif iccertifika Dr. A. G. Farno M.D. tal-Isptar Mater Dei u tobba ohra;

2. saqet b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kapitolu 65 *et sequitur*;

3. saqet bi speed eccessiv u dan *ai termini* tal-Artikolu 127 tal-L.S. 65.11 *et sequitur*;

4. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkagunat hsara involontarja ghad-dannu ta' Joseph Falzon (I.D. 734253(M)) u terzi persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmija Josette Manuela Vassallo milli jkollha jew tottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 194) datata 21 ta' Frar 2013 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikolu 226(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 328(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 15(1), (2) u (3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) Regolament 127 tal-Avviz Legali 128 tas-sena 1994[1] hekk kif sussegwentaement emendat;
(e) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-4 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 195), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-21 ta' Frar 2013, f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat il-*procés-verbal* bin-numru 326/12 redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke, liema *procés-verbal* gie mmarkat bhala Dok. "CF 1" (*a fol.* 8 *et seq.*).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressqet ebda provi.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 204 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi fil-*procés-verbal* (precizament *a fol.* 14 *et seq.*) il-Magistrat Inkwirenti qalet hekk:

"Illi b'referenza ghar-rapport ta' l-espert Mario Buttigieg il-Magistrat Inkwirenti tirrileva li l-velocita li biha kienet qed issuq Vassallo ma gietx stabbilita. Hija biss il-passiggiera Josephine Vassallo (omm is-sewwieqa Josette Manuela Vassallo) li taghmel riferenza ghal dan il-fatt; hija tghid li bintha kienet ghaddejja bi *speed* moderat. Josette Vassallo innifsha ma tghidx xejn dwar il-velocita li biha kienet qed issuq qabel ma sehh l-impatt. Pero d-dinamika ta' l-incident (cioé l-fatt li l-vettura l-ewwel habtet ma' arblu man-naha taghha tat-triq u b'dan l-impatt qasmet it-triq u kellha impatt iehor, dan ukoll pjuttost qawwi, mal-hajt tan-naha l-ohra tat-triq) kif ukoll l-entita' tal-hsarat ikkawzati fil-

[1] Legislazzjoni Sussidjarja 65.11.

vettura u l-griehi sofferti minn Josephine Vassallo huma indikazzjoni tal-velocita li biha Josette Vassallo kienet qed issuq qabel ma sehh l-imptatt.

Illi in oltre l-espert Mario Buttigieg jikkonkludi li l-incident **seta’** sehh ghal ragunijiet li fuqhom Josette Vassallo ma kellhiex kontroll bhal per ezempju hassha hazin. F’dan ir-rigward il-Magistrat Inkwirenti tirrileva li m’hemm xejn in atti li jindika li Josette Vassallo seta’ hassha hazin. *In oltre* jista’ jkun ukoll li hija ma tiftakar xejn hlief li f’xi hin ommha bdiet tghajjat u tghidilha *“Ar’hemm Ar’hemm”* ghaliex kienet aljenata u mhux mohhha fis-sewqan.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Magistrat Inkwirenti hija tal-fehma li ghandhom jittiehdu passi kontra l-imsemmija Josette Vassallo talli kkawzat griehi gravi involontarji a dannu ta’ Josephine Vassallo u talli kkawzat hsara involontarja a dannu ta’ Joseph Falzon”.

Illi kien in segwitu ta’ dawn il-konkluzjonijiet li gew intavolati l-proceduri odjerni kontra l-imputata.

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2012, xehed **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 136 *et seq.*) li kkonferma r-relazzjoni tieghu (Dok. “MS 1” – *a fol.* 72 *et seq.*) li giet prezentata fl-inkjesta.

Illi, fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2012, xehed ukoll l-**Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Kevin Farrugia** (*a fol.* 138) li kkonferma r-rapport li kien sar minnu lill-Magistrat Inkwirenti (*a fol.* 16 *et seq.*).
Illi, fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2012, xehed ukoll **Stephen Cachia** (rapprezentant Transport Malta) (*a fol.* 139) li qal li l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JMV 254 hija registrata fuq isem Joseph Falzon. Ezebixxa dokument in sostenn ta’ dan (Dok. “SC 1” – *a fol.* 134 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2012, xehdet ukoll **Josephine Vassallo** (omm l-imputata) (*a fol.* 140 *et seq.*) li ghazlet li tixhed wara li giet infurmata li setghet ma tixhidx f’dawn il-proceduri. Tghid li kienet fil-vettura misjuqa minn bintha l-

imputata u li kienu gejjin mir-Rabat sejrin lejn Had-Dingli. Tispjega li kienet ghaddejja minn *depression* kbira u riedet torqod il-hin kollu u f'hin minnhom kienet rieqda u qamet u sabet il-vettura mahbuta ma' arblu tad-dawl. Tghid li damet tlitt xhur l-isptar. Ikkonfermat dak li qalet lil Dr. Mario Buttigieg fl-inkjesta (*a fol.* 96) u cioé li bintha kienet qed issuq b'velocita' moderata meta f'hin minnhom dahlet go arblu. Fl-istess depozizzjoni, Josephine Vassallo tghid li ma tiftakarx kif sehh l-incident. Qalet: *"Ma ghandi xejn x'nixhed kontra taghha [l-imputata]"* (*a fol.* 140).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehed **PS 546 Mario Deguara** (*a fol.* 149 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu (Dok. "MD 1" – *a fol.* 151 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, xehed l-espert mekkaniku **Joseph Zammit** (*a fol.* 165) li kkonferma r-relazzjoni tieghu (Dok. "JZ" – *a fol.* 30 *et seq.*) li giet prezentata fl-inkjesta. Jghid li ma sab l-ebda hsara teknika fuq il-vettura li kienet involuta fl-incident stradali in kwistjoni.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2012, xehed il-Perit Tekniku **Mario Buttigieg** (*a fol.* 177 *et seq.*) li kkonferma r-relazzjoni tieghu (Dok. "MB 1" – *a fol.* 86 *et seq.*) li giet prezentata fl-inkjesta. Jghid li skond hu ma kien hemm ebda traskuragni involuta da parte tal-imputata. Jiftakar li l-gurnata meta sehh l-incident kienet gurnata tahraq u li lill-imputat setgha ta xi hass hazin u baqghet diehla go l-arblu li kien qieghed fuq in-naha tax-xellug tat-triq tant li d-daqqa haditha kollha omm l-imputata. Mistoqsi jghid kif wasal ghal din il-konkluzjoni, iwiegeb hekk: *"Bazikament la kien hemm brejkmarks, la kien hemm skid marks, ma kien hemm xejn [...]. Litteralment kienet head on li baqghet diehla straight ghal go dan l-arblu"* (*a fol.* 178). Jghid ukoll li ma setghax jikkonstata l-velocita' li kienet qed tinstaq biha l-vettura in kwistjoni.

In <u>kontro-ezami</u> (li parti minnu sar fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 178) u parti minnu sar fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 199 *et seq.*)) mistoqsi s-segwenti:

"Inkun qieghed nghid sew li ghalkemm inti ma rriskontrajtx ebda brejk marks jew skid marks sija fid-direzzjoni tal-vettura meta qed tidhol fl-arblu, jekk fhimt tajjeb lanqas ma kien hemm xi tentattiv minn naha tax-xufier li inti stajt tirriskontra forensikament sabiex anki wara li jahbat mal-arblu jipprova jikkontrolla l-vettura tieghu billi jaghfas il-brejk jew idawwar ir-rota?",

iwiegeb hekk:

"No ghax jekk f'kaz ikun taha xi hass hazin jew kien hemm xi affarijiet ohra, awtomatikament is-sewwieq intilef mis-sensi tieghu.  Mela allura x'jigri?  Awtomatikament la darba kellu saqajh taht il-pedala tal-gass ha jaghfasha l-pedala tal-gass iktar allura ha jibqa' litteralment, issa mbaghad l-i*steering* ha jitlaq ghal rasu.  U mbaghad il-habta li ha jkollok il-karozza ha tibda tperpirlek 'l hemm u 'l hawn uh".

Jghid li l-kliem *"Ar'hemm, Ar'hemm"* li l-imputata tghid tiftakar lil ommha tghid (*a fol.* 95) nghad qabel ma saret l-ewwel habta mal-arblu.  Jixhed li mill-ezamijiet forensici u mill-analizi li saru ma sab xejn li kkontradixxa din il-verzjoni tal-fatt.  Jghid li omm l-imputata qalet li bintha kienet qed issuq bi *speed* moderat.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2012, xehed ukoll **Joseph Falzon** (*a fol.* 180 *et seq.*) li spjega li huwa missier l-gharus tal-imputata u li dakinhar tal-incident il-vettura JMV 254 kienet tuzaha l-imputata.  Jghid li l-vettura spiccat *total loss* u li din giet skrapjata.  Jixhed li m'ghandu l-ebda stimi tal-vettura in kwistjoni u li ma jippretendi xejn mill-imputata ghal hsarat kagunati fil-vettura tieghu.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2012, xehed ukoll **PC 1392 Kevin Buhagiar** (*a fol.* 183) li kkonferma r-relazzjoni tieghu (Dok. "KB" – *a fol.* 59 *et seq.*) li giet prezentata fl-inkjesta.  PC 1392 Kevin Buhagar rega' xehed fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 196 *et seq.*) fejn, ghal

darb'ohra kkonferma r-relazzjoni tieghu (Dok. "KB" – *a fol.* 59 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2012, xehed ukoll il-**Perit Richard Aquilina** (*a fol.* 185) li kkonferma r-relazzjoni tieghu (Dok. "RA 1" – *a fol.* 20 *et seq.*) li giet prezentata fl-inkjesta.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2013, xehed **Dr. Anthony Sarno** (*a fol.* 190 *et seq.*) li xehed li huwa ezamina lil Josephine Vassallo u ezebixxa certifikat mediku rilaxxat minnu (Dok. "AS 1" – *a fol.* 192). Ikkonferma li l-griehi sofferti minn Josephine Vassallo kienu gravi.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li dakinhar tat-18 ta' Lulju 2011 ghall-habta tal-10.30hrs, l-imputata kienet qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JMV 254, proprjeta ta' Joseph Falzon, u li flimkien maghha kien hemm ommha Josephine Vassallo u ghal xi raguni jew ohra l-vettura baqghet diehla f'wiehed mill-arbli tad-dawl li hemm fuq il-karreggjata li kienet qed tinstaq fiha l-vettura u sussegwentement bl-istess daqqa l-vettura qassmet it-triq u baqghet diehla go hajt tas-sejjieh. B'konsegwenwza ta' dan l-incident, omm l-imputata sofriet griehi ta' natura gravi. Il-kawza odjerna kontra l-imputata giet intavolata wara li l-inkjesta magisterjali rigward l-incident stradali in kwistjoni giet maghluqa.

Illi minkejja li omm l-imputata xehdet li ma ghandha xejn x'tixhed kontra bintha l-imputata (*a fol.* 140) u minkejja li Joseph Falzon xehed li ma jippretendi xejn mill-imputata ghal hsarat kagunati fil-vettura tieghu (*a fol.* 181), pero l-Qorti xorta ghandha u sejra tezamina l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputata.

Illi l-Qorti tinnota li xhieda li raw l-incident isehh ma kienx hemm. Ma jirrizultax li qabel sehh l-incident il-vettura kienet qed tinstaq b'xi *speed* eccessiv. Jidher, u dana jispjegah ukoll Mario Buttigieg fix-xiehda tieghu kwotata hawn fuq, li l-pedala tal-gass baqghet tinghafas ghal xi

raguni jew ohra bil-konsegwenza li l-vettura tibqa mixja 'l hemm u 'l hawn u dana jispjega r-raguni ghala l-vettura spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq b'impatt daqshekk qawwi. *Di fatti*, jirrizulta li ma ttiehdet l-ebda *evasive action* da parti tal-imputata. La kien hemm brejkmarks u anqas skidmarks.

Illi huma biss fl-atti tal-inkjesta li l-kliem *"Ar'hemm, Ar'hemm"* jissemmew (*a fol.* 95). Fl-inkjesta magisterjali l-imputata tghid li semghet lill-ommha tghid dawn il-kliem u li hi (l-imputata) ma rat xejn u intilfet minn sensieha. Ma jirrizultax li l-imputata kienet taf li l-vettura l-ewwel dahlet go arblu u wara dahlet f'hajt tas-sejjieh. *Da parte* taghha, omm l-imputata tghid li ma tiftakarx kif sehh l-incident pero tghid li f'hin minnhom il-vettura dahlet go arblu (*a fol.* 96).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti taqbel mad-difiza meta fit-trattazzjoni taghha sahqet li l-Prosekuzzjoni trid tipprova dak li tallega. Fil-konkluzjonijiet taghha, il-Magistrat Inkwirenti irrilevat li ma kien hemm xejn in atti li jindikaw li l-imputata setghet hassha hazin (*a fol.* 15). Wiehed ma jridx jinsa li l-imputata ma trid tipprova xejn. Minkejja li mill-provi ma rrizultax ezattament ir-raguni ghala sehh l-incident, pero mill-provi jemergu s-segwenti: li l-imputata ma kienitx qed issuq bi *speed* eccessiv u li l-imputata ma haditx *evasive action*. Ma jirrizultax li l-imputata kienet qed issuq b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti u anqas ma jirrizulta li l-imputata kienet qed issuq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz. Dan kollu jwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni wahda: li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-imputazzjonijiet kollha addebitati lill-imputata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u b'hekk tilliberha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------